**11 ta' Diċembru, 1997**

**Imħallef:-**

**Onor. Vincent DeGaetano LL.D.**

**Il-Pulizija**

*versus*

## Richard Borg u William Mercieca

## Konkors ta' reati u ta' pieni

*L-artikolu 17 (h) tal-Kodiċi Kriminali in tema ta' konkors materjali ta' reati u konkors ta' pieni jippreskrivi li meta reat ikun serva bħala mezz għall-kommissjoni ta' reat ieħor għandha tingħata l-piena għar-reat l-aktar gravi, basta li ż-żewġ reati ma jkunux flimkien jagħmlu reat ikkwalifikat; u dan proprju għax jekk il-fatt li jammonta għal reat ikun diġa` ittieħed in konsiderazzjoni bħala aggravju ta' reat ieħor, allura wieħed ikun qiegħed fil-kamp tal-konkors formali u mhux aktar f'dak tal-konkors materjali.*

Il-Qorti:-

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra Richard Borg u William Camilleri talli (1) fid-19 ta' Awissu, 1995 għall-ħabta ta' xi l-4.30 p.m. ġo tas-Sliema kkommettew serq ta' stereo ta' karozza tal-marka "Yoko" li jiswa aktar minn għaxar liri iżda mhux aktar minn mitt lira minn karozza I-5708 a dannu ta' Franco Aloisio minn tas-Sliema, liema serq huwa aggravat bil-mezz u bix-xorta tal-ħaġa misruqa; (2) talli f'dawn il-Gżejjer xjentement xtraw jew laqgħu għandhom oġġetti misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat jew xjentement b'kull mod li jkun indaħlu biex ibigħuhom jew imexxuhom; (3) talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi kkommettew ħsara volontarja li tammonta għal aktar minn għaxar liri iżda mhux aktar minn ħamsin lira fil-karozza numru I-5708 a dannu ta' Franco Aloisio li joqgħod 88, Old College Street, Tas-Sliema; (4) u fil-konfront ta' William Mercieca biss, talli dana sar reċidiv b'sentenzi li saru definittivi fit-23 ta' Ġunju, 1992 u fis-7 ta' Novembru, 1994 mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta); (5) fil-konfront ta' Richard Borg biss, talli sar reċidiv b'sentenzi li saru definittivi fl-4 ta' Mejju, 1993 u fit-23 ta' Frar, 1993; (6) dejjem

a rigward ta' Richard Borg biss, talli kkommetta r-reati aktar 'il fuq imsemmija li għalihom hemm piena ta' priġunerija fil-perijodu operattiv ta' sentenza sospiża mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fit-28 ta' Settembru, 1994;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tal-11 ta' April, 1996, li permezz tagħha dik il-Qorti kienet sabet lill-imsemmija Borg u Mercieca ħatja skond l-ewwel u skond it-tielet imputazzjonijiet; illiberathom mit-tieni imputazzjoni peress li din kienet alternattiva għall-ewwel imputazzjoni ta' serq; sabet lil William Mercieca ħati ukoll skond ir-raba' imputazzjoni u lil Richard Borg ħati skond l-imputazzjonijiet numru ħamsa u sitta; ikkundannat liż-żewġ imputati "għal sentejn priġunerija kull wieħed fuq l-ewwel imputazzjoni u sitt xhur priġunerija fuq it-tielet imputazzjoni"; inoltre, fil-konfront ta' Richard Borg, ordnat li s-sentenza sospiża ta' sitt xhur priġunerija mogħtija lilu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bis-sentenza tagħha ddatata 28 ta' Settembru, 1994 tibda sseħħ; fl-aħħar nett dik il-Qorti ordnat li mill-perijodu ta' priġunerija li l-imsemmija Borg u Mercieca kienu qed jiġu kkundannati "għandu jitnaqqas iż-żmien li fih kull imputat dam miżmum taħt arrest preventiv in konnessjoni ma' din il-kawża";

Rat it-talba ta' Richard Borg u ta' William Mercieca għas-sospensjoni ta' l-esekuzzjoni tas-sentenza imsemmija liema talba ġiet akkordata fil-11 ta' April, 1996 (fol. 129, 131); rat ir-rikorsi ta' appell tagħhom, minnhom ippreżentati fit-23 ta' April, 1996 li permezz tagħhom talbu r-riforma ta' l-imsemmija sentenza; rat l-atti kollha tal-kawża; ikkunsidrat:

L-aggravji taż-żewġ appellanti huma identiċi. Huma jibdew billi jgħidu li l-Ewwel Qorti erronjament sabithom ħatja tat-tielet imputazzjoni, peress li din l-imputazzjoni kienet assorbita fl-akkuża aktar gravi ta' serq". Effettivament l-

appellanti qed jgħidu li hemm konkors formali ta' reati. Dan l-aggravju hu fondat. Il-fatt li hu l-bażi tat-tielet imputazzjoni - it-tkissir tal-ħġieġa tal-karozza - hu neċessarjament l-istess fatt li jagħti lok għall-aggravju tal-mezz - l-isgass - għall-finijiet ta' l-imputazzjoni tas-serq. Għalhekk f'dan il-każ, hemm inseparabilita' ġuridika bejn ir-reat ta' serq aggravat, *inter alia*, bil-mezz u r-reat ta' ħsara volontarja, b'mod li għandu jiġi kkunsidrat li hemm reat wieħed u ċjoe' dak l-aktar gravi. Dan jirriżulta ċar anke mill-konkors materjali ta' reati u konkors ta' pieni, jippreskrivi li meta reat ikun serva bħala mezz għall-kommissjoni ta' reat ieħor għandha tingħata l-piena għar-reat l-aktar gravi, basta li ż-żewġ reati ma jkunux flimkien jagħmlu reat ikkwalifikat; u dan proprju għax jekk il-fatt li jammonta għal reat ikun diġa' qiegħed fil-kamp tal-konkors formali u mhux aktar f'dak tal-konkors materjali. Naturalment tagħmel sew il-prosekuzzjoni li timputa l-ħsara volontarja separatament mis-serq ikkwalifikat f'każijiet bħal dawk in diżamina, għax jekk ma tagħmilx hekk u in segwitu jirriżulta bħala fatt jew li ma kienx hemm serq jew li t-tkissir ma kienx intiż mill-imputat sabiex jiffaċilita s-serq, il-prosekuzzjoni tkun tilfet l-opportunita' li għall-anqas takkuża bir-reat ta' ħsara volontarja kontra l-proprjeta';

It-tieni aggravju hu li ma hemmx prova ta' l-ammont ta' ħsara għall-finijiet tat-tielet imputazzjoni. In vista ta' dak li għadu kif ingħad hawn aktar 'il fuq, mhuwiex il-każ li din il-Qorti tippronunzja ruħha fuq dan l-aggravju;

L-appellanti jilmentaw ukoll mill-piena. Din il-Qorti tara, pero', li ma hemm ebda lok ta' varjazzjoni fil-piena ħlief fid-dawl ta' dak li għadu kif ingħad fir-rigward tat-tielet imputazzjoni;

Għall-motivi premessi din il-Qorti tirriforma s-sentenza

appellata billi thassaraha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabet liż-żewġ appellanti ħatja skond it-tielet imputazzjoni, mil-liema tielet imputazzjoni qed tilliberahom u thassaraha u tirevokaha ukoll f'dik il-parti fejn ikkundannat lil kull wieħed minnhom għall-piena ta' sitt xhur priġunerija fuq din it-tielet imputazzjoni; u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija. Tiġbed l-attenzjoni tar-Reġistratur għas-subartikolu (5) ta' l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali.